BIRGU
Citta` Vittoriosa

# Kunsill Lokali Birgu

**Head Office** - Couvre Porte - Birgu BRG 1810 Tel : 21662166 Fax : 21662266
**Front Office** – Auberge d'Angleterre, Triq il-Majjistral., Birgu BRG 1270 Tel/Fax: 21802707
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

26 ta' Settembru, 2008

**Minuti tal-laqgha numru 20(05)**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iltaqa' ghal laqgha numru 20(05), fl-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill f'Couvre Porte nhar l-Erbgha 17 ta' Settembru, 2008 fi 6:00

**Prezenti**

Is-Sur John Boxall - Sindku, is-sur Ivan Peresso – Kunsillier u s-sinjura Judith Saliba – Kunsilliera.

Il-Kunsilliera Miriam Grech, nghaqqdet ghal laqgha fi sitta u ghoxrin filwaqt li l-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar, nghaqqad ghal laqgha fi sitta u nofs.
Ippresieda is-Sindku, s-sur John Boxall.

**Talba**

Is-Sur John Boxall, Sindku, qal it-talba u tah bidu ghal laqgha.



John Boxall - Sindku, Christopher Cassar - Vici Sindku,
Miriam Grech – Kunsilliera, Ivan Peresso – Kunsillier, Judith Saliba - Kunsilliera
Christine Bonello – Segretarja Ezekuttiva

**1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti.**

Il-Minuti tal-laqgha 19(05) ittiehdu bhala moqrija.

1.1 Item 1.4(19/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-attivita tal-Birgu By Candlelight, l-Kunsill ghadu mhux cert jekk mhux ser issir jew le. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li l-Awtorita ghat-Turizmu ser taghti € 10,000 sabiex issir l-attivita tar-Risottata nhar is-17 ta' Ottubru, 2008 fejn skond il-Guinness Book of Records, ser tingab l-ikbar borma fid-dinja propjament fil-Birgu. Is-Sindku zied jghid li jekk din l-attivita ma ssirx, l-Awtorita Maltija ghat-Turizmu lesta li l-ammont allokat ghal attivita tar-Risottata jmur ghal Birgu By Candlelight.

1.2 Item 1.9(19/05), is-sur John Boxall qal li l-iskema tal-parkegg ghar-residenti qeghda tahdem u issa kif jistghu jixhdu l-kunsilliera, l-problema ta' parkegg ghar-residenti naqset u r-residenti qed isibu aktar spazju fejn jipparkjaw.

1.3 Dwar item 1.10(19/05), is-Sindku qal li wara diversi diskussjonijiet ma' l-avukat tal-Kunsill Dr. Neville Camilleri u l-avukat tal-kumpanija Grand Harbour Marina, il-Kunsill ma jistax jordna lil xi persuni sabiex ma jidhlux fl-ufficini tal-Kunsill peress li l-ufficju tal-kunsill huwa pubbliku. Is-Sindku zied jghid li l-Kunsill irid jaqdi lil kulhadd u f'kaz li s-sur Ben Stuart ikun arroganti ma' l-istaff jew xi membri tal-Kunsill, ghandha tigi nfurmata l-Pulizija immedjatament imma ma jistax jithalla barra mill-Ufficini tal-Kunsill.

1.4 Item 2.1(19/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li fl-ahhar laqgha tal-Kumitat Kongunt, huwa bhala rapprezentant tal-Kunsill ppropona sabiex il-kumitat jbiddel l-kumpanija tal-Gwardjani Lokali, liema proposta giet milqugha u approvata u ghaldaqstant , l-Kumitast Kongunt ser iwaqqaf il-kuntratt li hemm prezenti.

1.5 Dwar item 2.2(19/05), is-sur John Boxall, qal li l-aircondition fl-ufficju ta' l-iskrivani mhux ser issir ghalissa. Dan minhabba l-fatt li l-Kunsill rega' talab din id-darba lil Ministru Dolores Cristina, Ministru ta' l-Edukazzjoni sabiex l-ufficini tal-Kunsill jkun

fil-Berga ta' l-Ingilterra u s-Sindku nforma lil Kunsilliera li bl-ghajnuna anke tal-Fondazzjoni Wirt Artna fi zmien qarib l-Kunsill ser jircievi l-approvazzjoni.

1.6 Dwar item 2.7(19/05), is-Sindku qal li sal-llum, il-Kunsilll kien ghadu ma rcieva l-ebda risposta minghand il-Kunsilliera Miriam Grech sabiex tattendi ghal konferenza tal-Walled Towns Friendship Circle. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li jekk ghada interessata tmur il-Kunsilliera Judith Saliba.

1.7 Item 5(19/05). Dwar id-decizjoni tat-tender ghat-tindif u manutenzjoni ta' gonna pubblici fil-Birgu, s-sur John Boxall, Sindku qal li ghalkemm il-prezz offrut mis-sur Karl De Flavia, huwa prezz tajjeb u hu ekwivalenti ta' dak prezenti, il-Kunsill irid jara dan is-sinjur x'joffri ghax wiehed irid iqis li t-tender li l-kunsill ghandu ma' l-Environmental Landscape Consortium huwa ta' Lm 5000 u jinkludi ukoll is-servizz ta' zbir bit-tower ladder. Ghaldaqstant is-Sindku ssugerixxa sabiex issir laqgha mas-sur Karl De Flavia. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

1.8 Item 8.1(19/05), is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li t-tlett arbli sabiex jitpoggew fuqhom il-bandiera Maltija, l-bandiera Ewropea u l-bandiera tal-Belt tal-Birgu, mal-bini tal-Kunsill kienu lesti.

## 2. Korrispondenza

2.1 Is-sur John Boxall, Sindku, pprezenta kopja tal-programmi tal-festa mahruga mil-Kumitati tal-Festi Esterni San Lawrenz u San Duminku. Is-Sindku rrimarka li fil-programm mahrug mil-Kumitat Festi Esterni San Duminku, kien l-Pirjol biss li rringrazzja lil Kunsill filwaqt li fil-programm mahrug mil-Kumitat Festi Esterni kien hemm ftit ringrazzjamenti. Barra min hekk, fil-magazine 'Flimkien', Fr. John Avellino ghal darb'ohra ma semmix l-Kunsill fl-ebda mod u mhux biss qal li l-attivita tal-MUSEUM tas-subien fejn gew mghallma l-arti tal-presepju, giet organizzata mil-Parrocca u mhux mil-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li bl-ghemil

taghhom il-Kunsill ser jirreagixxi. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu qieghed jghin hafna lis-socjetajiet tal- Lokal u l-istess Kunsill jistenna ukoll ringrazzjament pubbliku bhal haddiehor. Dwar dan is-suggeriment kien hemm qbil unanimu.

2.3 Is-Sur John Boxall, Sindku pprezenta applikazzjoni li ddahlet l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) ghal wine bar fi triq Wenzu Dyer, kif ukoll kopja ta' petizzjoni mir-residenti tat-toroq tal-madwar indirizzata lic-Chairman tal-bord tal-MEPA, fejn qed joggezzjonaw ghal din l-applikazzjoni. Is-Sindku nforma lil Kunsilliera li dawn ir-residenti talbu l-ghajnuna tal-Kunsill. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex il-Kunsill jghin lil dawn ir-residenti u jibghat l-oggezzjoni tieghu lic-Chairman ta' l-Awtorita ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.4 Email minghand is-sinjura Stefania Siscotel fejn tablet l-approvazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex tfal ta' bejn il-11 u l-14-il sena mil-Birgu u min Casorate Sempione jibdew jikkomunikaw bejniethom permezz a' l-email. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.5 Korrispondenza minghand il-Professur Giovanni Lobrano, s-Segretarju Ezekuttiv, tal-konferenza permanenti ta' l-Ibliet Storici tal-Mediterran, fejn stiednu lil Kunsill sabiex jippartecipa ghal konferenza gewwa Betlem bejn id-19 u t-23 ta' Dicembru, 2008. Wara diskussjoni, kien hemm qbil unanimu sabiex il-Kunsill jippartecipa f'din il-konferenza u barra min hekk, min ser jmur ma jmurx wahdu.

2.6 Email minghand is-sinjorina Amandine Leopold, segretarja ta' l-Assocjazzjoni AVEC, fejn nfurmat lil Kunsill Lokali tal-Birgu li t-tieni audit sabiex il-Kunsill jerga' jigi evalwat fuq il-progett Qualicities, ser jkun jiswa' bejn € 4000 u € 5000. Is-Sindku, s-sur John Boxall, stqar li b'dak il-prezz mitlub, bil-qaghda finanzjarja li l-Kunsill jinsab fiha, l-Kunsill ma jistax jaghmel l-imsemmi audit. Hawnhekk, is-Sindku talab lis- Segretarja Ezekuttiva ticcekja mas-sinjorina Amandine Leopold jekk hemmx xi costs reveduti dwar

l-audit u tispjega s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.7 Is-Sindku, s-sur John Boxall, issugerixxa sabiex il-Kunsill jixtri printer li jipprintja fuq cd. Ghaldaqstant, is-Sindku talab sabiex jingabru kwotazzjonijiet u jittiehed parir professjonali u l-Kunsill imbaghad jaghzel l-irhas u l-ahjar offerta.

2.8 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li hu ghan-nom tal-Kunsill Lokali tal-Birgu, ressaq mozzjoni fil-Kumitat Kongunt tal-Fgura sabiex jitwaqqaf is-servizz prezenti ta l-gwardjani lokali u jinhareg t-tender ghal dan is-servizz.

2.9 Ittra minghand is-sur Joseph Scicluna, sid il-hanut "Victory Square Café", fejn talab lil Kunsill, sabiex quddiem l-imsemmija kafeterija bejn is-7 ta' filghodu u l-5 ta' wara nofsinhar jinghata l-permess jaghmel 4 mwejjed b'4 siggijiet imdawwrin ma' kull mejda. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall, issugerixxa sabiex il-Kunsill japprova din it-talba, l-kunsilliera Miriam Grech, ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.10 Is-Sindku pprezenta diversi ilmenti min residenti ta' Triq San Filippu u t-toroq ta' madwar, fejn talbu l-ghajnuna tal-Kunsill minhabba l-problema tal-hamiem. Ir-residenti ta' din iz-zona talbu sabiex il-Kunsill jwahhal ventilaturi. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa sabiex min irid mir-residenti jixtri l-ventilatturi u l-Kunsill jordna s-servizz ta' tower ladder sabiex jitwehhlu dawn il-ventilatturi. Is-Sinjura Miriam Grech ssekondat u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

2.11 Ittra minghand is-sur Ray Abela, Direttur tal-Kumpanija TCTC, fejn nforma lil Kunsill li din il-kumpanija lesta li toffri korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal jew ghall-adulti b'xejn ghal partecipanti izda l-Kunsill ihallas l-ammont ridott ta' € 1106.45(Lm 475). Is-Sindku zied jghid li l-korsijiet jsiru hawnhekk fil-lokalita tal-Birgu u barra min hekk s-sinjur Joseph Scicluna, sid il-hanut Victory Square Café, kien lest li jissponsorja dan il-kors.

Wara diskussjoni, bi qbil unanimu, l-Kunsilliera prezenti qablu sabiex il-Kunsill joffri kors tal-kompjuter ghal adulti.

**3. Talba sabiex Gallerija Couvre Porte tinghata lil Fondazzjoni Wirt Artna**

Is- Sindku pprezenta email mibghuta mis-Sur Mario Farrugia, Executive Chairman tal-Fondazzjoni Wirt Artna fejn talab lil Kunsill Lokali tal-Birgu, sabiex johrog letter of intent, biex tigi pprezentata flimkien ma' applikazzjoni ghal fondi ta' l-Unjoni Ewropea taht is-sejha ERDF, fejn fiha l-Kunsill jallokka l-kmamar u Gallerija Couvre Porte lil Fondazzjoni Wirt Artna jekk tigi approvata t-talba tal-Kunsill li l-ufficini amministrattivi tal-Kunsill jkun fil-Berga ta' l-Ingilterra. Is-Sindku stqar li s-sur Mario Farrugia kien qieghed jghin lil Kunsill sabiex igib l-approvazzjoni mil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh u Kultura sabiex il-librerija Regjonali, tigi minflok il-Kunsill u l-ufficini tal-Kunsill jkunu fil-Berga ta' l-Ingilterra. Wara diskussjoni, s-Sindku s-sur John Boxall issugerixxa sabiex il-Kunsill ma japprovax din it-talba sabiex Gallerija Couvre Porte tinghat lil Fondazzjoni Wirt Artna izda is-Sindku ssugerixxa li jekk din il-Fondazzjoni jkollha bzonn Gallerija Couvre Porte ghal xi attivita din tinghata. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**4. Jum il-Birgu u l-attivitajiet tal-Vitorja.**

Is-Sindku s-sur John Boxall ipprezenta rendikont dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Birgu 2008. Is-Sindku stqar li n-nefqa ghal Jum il-Birgu kienet biss ta' € 194.
Il-kunsilliera Miriam Grech qalet li hi giet avvicinata min diversi residenti dwar il-mod ta' kif gie organizzat Jum il-Birgu u minhabba li ma saritx ic-cerimonja quddiem il-monument tal-Vitorja. Wara diskussjoni, s-sur John Boxall issugerixxa sabiex ic-celebrazzjonijiet ta' Jum il-Birgu jsiru f'gurnata ohra u l-attivita tas-7 ta' Settembru terga' tibda ssir mil-Historical and Cultural Society. Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar issugerixxa sabiex fil-laqgha tal-Kunsill li jmis tigi diskussa l-attivita ta' "Jum il-Birgu 2009" u kull kunsillier igib is-suggerimenti tieghu. Barra min hekk, is-Sindku

ssugerixxa sabiex tintbaghat ittra lil ghaqdiet u s-socjetajiet kollha fejn nuruwhom id-dispjacir ghan-nuqqas ta' partecipazzjoni kif ukoll nitolbuhom jibghatu s-suggerimenti taghhom dwar "Jum il-Birgu, 2009" .

**<u>5.</u> <u>Il-Gwardjani Lokali</u>**

Il-Kunsilliera Miriam Grech staqsiet lil Kunsill jekk is-servizz tal- Gwardjani Lokali, kif ukoll ic-CCtv camera humiex qed joperaw. Is-Sindku s-sur John Boxall wiegeb li dawn is-servizzi qed jahdmu biss kif diga accenna fuq item 1.4 huwa ghan-nom tal-Kunsill ressaq mozzjoni fil-kumitat kongunt tal-Fgura sabiex jerga' jinhareg it-tender ghas-servizz tal-Gwardjani Lokali, wara li dan is-servizz mhux jinghata tajjeb.
Il-Kunsilliera Miriam Grech saqsiet ukoll jekk is-sistema ta' l-iskema ghal parkegg ghar-residenti mhux tahdem. Is-Sur John Boxall, Sindku, wiegeb li din is-sistema qedha topera.

**<u>6.</u> <u>Att vandalu fuq il-karozza tas-Sindku, s-sur John Boxall</u>**

Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar qal li s-Sindku s-sur John Boxall rega' sefgha vittma ta' att vandalu. Il-Vici Sindku fakkar lil Kunsilliera bid-decizjoni li kien ha dan l-istess Kunsill u ghaldaqstant issugerixxa sabiex ix-xoghlijiet fuq il-karozza jigu mhallsa mil-Kunsill. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**<u>7.</u> <u>Decizjoni dwar il-hrug ta' tender ta' gbir ta' skart goff.</u>**

Is-Sur John Boxall, Sindku, nforma lil Kunsilliera li t-tender ghal-gbir ta' skart goff kien ser jiskadi fix-xahar ta' Ottubru u ghaldaqstant issugerixxa sabiex il-Kunsill johrog offerta ghal din is-sejha. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 8. Decizjoni dwar il-hrug ta' tender ghal gbir ta' skart domestiku

Is-Sindku nforma lil Kunsilliera prezenti li wara diversi default notices mahruga lis-sur Pawl Cutajar, kif ukoll is-servizz ta' gbir ta' skart domestiku mghoti nhar is-Sibt 13 ta' Settembru, il-Kunsill waqqaf l-imsemmi kuntratt. Is-Sindku spjega li fil-gurnata msemmija l-gbir ta' skart beda fil-11 ta' filghodu, b'vettura miftuha, kif ukoll, il-haddiema ma kienux lebsin ilbies protettiv. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien diga nforma lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, l-GRTU u l-Assocjazzjoni tal-Kunsilil Lokali dwar din id-decizjoni. Barra min hekk, is-sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsiliera li nbeda s-servizz ta' gbir ta' skart domestiku temporanju mil-kumpanija EuroClean Services u l-prezz ghal gbir kuljum inkluz s-Sibt u l-hadd huwa ta' € 128.11 (Lm 55). Dan is-servizz huwa temporanju sakemm tohrog is-sejha ghal offerti ta' gbir ta' skart goff, liema tender ser jinhareg bejn il-Kunsill Lokali tal-Birgu u l-Kunsill Lokali tal-Kalkara.

## 9. Il-progett Urbact II – Creative Clusters

Is-Sindku pprezenta stedina mil-Kunsill ta' Obidos fil-Portugal sabiex il-Kunsill Lokali tal-Birgu, jippartecipa fil-progett Creative Clusters. Wara diskussjoni, s-Sindku ssugerixxa li meta wiehed jevalwa x'hemm mitlub ghal partecipazzjoni f'dan il-progett, jkun ahjar jekk il-Kunsill ma jippartecipax. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

## 10. Stallazzjoni ta' CCtv camera fiz-zona tal-Fortini

Is-Sindku, s-sur John Boxall, issugerixxa sabiex il-Kunsill jinstalla CCtv camera fiz-zona tal-Fortini, dan wara d-diversi ilmenti li l-Kunsill ircieva dwar zibel li qed jithalla u jintrema f'din iz-zona. Wara diskussjoni, l-Kunsilliera prezenti bi qbil unanimu qablu sabiex issir CCtv camera fiz-zona tal-Fortini.

## 11. Hwejjeg Ohra

11.1 Is-Sur John Boxall, Sindku nforma lil Kunsilliera li gie mistieden mis-sur Nick Maris, CEO tal-Grand Harbour Marina sabiex bejn id-9 u t-12 t'Ottubru, 2008, issir laqgha gewwa l-ufficini ta' din il-kumpanija gewwa Londra. Is-Sindku zied jghid li din il-kumpanija offriet li thallas l-passaggi u l-akkomodazzjoni ta' erbgha min nies u ghaldaqstant issugerixxa sabiex mieghu jmorru s-sur Christopher Cassar, Vici Sindku, l-avukat tal-Kunsil Dr. Neville Cammilleri u Segretarja Ezekuttva, s-sinjorina Christine Bonello. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

11.2 Is-Sindku ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-lista ta' pagamenti dovuti mill-Kunsill. Wara diskussjoni, is-Sindku, ppropona li din il-lista tigi approvata. Il-Vici Sindku, s-sur Christopher Cassar issekonda dan il-proponiment u dwar dan kien hemm qbil unanimu.

Il- laqgha ntemmet fid-8:45 ta' filghaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Christine Bonello | ikkonfermati | John Boxall |
| Segretarja Ezekuttiva | | Sindku |